10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 34**

**12 ta' Jannar 2026**

Il-laqgħa numru 34 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar it-12 ta' Jannar 2026 fil-17.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Stephen Sultana

Is-Sur Darren Grech

Is-Sur Joe Vella

Is-Sur Karl Carabott

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3**):

Is-Sa Roberta Sultana

**ASSENTI:**

**Ħadd**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

## 1 Qari tal-ittri t'apoloġija

F'din il-laqgħa kien hemm ittra ta' apoloġija ta' Roberta Sultana li kienet ma tiflaħx.

## 2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

Laqgħa 32
Roberta Sultana kienet preżenti, u Stephen Sultana ma kienx, mhux kif kien miktub.

Laqgħa 33
Ma kienx hemm tibdil għal dawn il-minuti

Approvazzjoni tal-minuti
Is-Sindku qal li l-**Ibins**, il-kunsill kien qed jistenna minn għand l-avukat sabiex jikteb ittra biex jitilqu l-Ibins minn fejn qegħdin u jew jitpoġġew fejn issuġġerixxa l-kunsill jew inkella hekk ma jaċċettawx, jitneħħew mill-lokalita'.

Fuq **Trejqa ta' Fleur De Lys**, is-sindku qal li kellu laqgħa l-OPM fuq din is-sitwazzjoni u li l-OPM kienu ser jgħattu d-direzzjoni aktar tard. Hawnhekk Joe Vella saqsa hekk il-kunsill kienx preżenti fil-laqgħa li kienet saret ma' tal-coaches nhar is-26 ta' Diċembru 2025. Is-Sindku qal li hu ma kienx infurmat b'din il-laqgħa. Fuq l-istess triq is-Sindku semma li kien talab il-perit jiċċekkja fuq ċint. Il-perit ikkonferma li dan iċ-ċint kien fuq propjetà pubblika.

Is-Sindku informa li fi **Triq Brighella** kienu saru xogħolijiet u kien jonqos biss iż-żebgħa mal-art.

## 3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti 442

Ma kienx hemm mistoqsijiet jew kummenti fuq l-iskeda tal-pagamenti u għalhekk din ġiet approvata. L-iskeda tal-pagamenti kienet tqassmet minn qabel. Din l-iskeda kienet iffirmata minn Silvio Vella u Darren Grech

## 4. Kommunikazzjoni mis-Sindku

**Ħaddiema tar-Reġjun** – Is-sindku informa li r-reġjun kien ser jerġa' jibgħat lil-ħaddiema tiegħu sabiex jgħinu fil-manutenzjoni tal-lokal. Għalhekk hu kien qed jipproponi li jsiru l-bankijiet tal-Ġnien Romeo Romano kif ukoll dawk ta' Pjazza Franka u l-ħadid tal-bandli Guże Flores. Il-materjal irid jipprovdih il-kunsill lokali. Fuq dan kien hemm qbil.

**Talba għal Ktieb** – Is-sindku informa li l-kunsill kien irċieva talba sabiex il-kunsill jippubblika ktieb. Il-prezz ta' dan il-ktieb hu ta Euro 1600 + 5% VAT. Is-Sindku qal li l-kunsill għandu jillimita li jippublika l-kotba tal-istess persuna peress li kien hemm awturi oħra li diġà kellmu lilu dirett fuq dan. Il-kunsilliera qablu li l-kunsill m'huwiex f'pożizzjoni li jippubblika dan il-ktieb però l-awtur jista' japplika ma entitajiet oħra bħal l-arts Council.

**Vann tal-ħaddiema** – Is-Sindku spjega li l-vann tal-ħaddiema għandu bżonn Service u tibdil tal-windscreen. Is-Segretarju kienet ġabet quote għat-tibdil tal-windscreen u l-ispiża kienet ta' Euro 300. Il-kunsill xtaq ikun jaf meta kienu ser jitħabbru riżultati tal-iskema li l-kunsill kien applika għaliha mal-LESA. Is-Segretarju wieġbet li kienet ser isaqsi lill-lesa.

**Anzjani** – Is-Sindku qal li fl-20 ta' Jannar kien ser isir riċeviment għal-anzjani fiċ-ċentru ta' matul il-Jum. Hu qal li kienet qed tkun problema sabiex insibu l-Entertainment. Ġew issuġġeriti li jiġu ikkuntattjati Benny u Tonia.

**Milied 2026 -** Is-Sindku qal li hu kien qed jissuġġerixxi li dati għal din l-attività issir fi 10, 11, 12, 13 ta' Diċembru. Is-Sindku qal ukoll li kien hemm suġġeriment li din l-attività ma tibqax issir fil-ġnien imma issir fi pjazza Santa Venera, però il-kunsilliera qalu li dan jista' jkun ta' problema loġistika minħabba traffiku u l-għeluq tat-triq. Is-Sindku qal li kien ser jagħmel laqgħa mal-għaqdiet sabiex jieħu l-kummenti tagħhom.

**Attivitajiet f'Santa Venera** – Is-Sindku ppreżenta lista ta' attivitajiet li hu kien qed jipproponi għas-sena 2026. Din il-lista kienet tentattiva u biss ta' indikazzjoni. Din il-lista kienet ser tintbagħat lill kull għaqda u anke lil kunsilliera.

**Polza tas-saħħa** – is-Sindku informa li kienet intbagħtet email fuq il-polza tas-saħħa. Il-kunsill kien ser joħroġ il-basic bħas-soltu u għalhekk minn ried iżid lil xi ħadd jew iżid il-polza kellu jinforma lis-segretarju.

**Dati tal-karnival** – Is-Sindku informa li hu u SE kienu qed jitkellmu ma Festivals Malta sabiex issir parata tal-karnival f'Santa Venera. Għaldaqstant is-sindku kien qed jissuġġerixxi li l-Kunsill ibiddel id-data tal-iskema tal-Karnival maħruġa u din l-iskema tiġi inkorporata mal-attivita' li kienu ser joħolqu Festivals Malta. Għaldaqstant is-sindku kien qed jipproponi li l-attivita' tal-kunsill issir fi 7 ta' Frar u tkun parti mill-attivita' ta' Festivals Malta. Fuq dan kien hemm qbil

**Cash in Transit -** Is-Sindku qal li Segretarju kienet ġabet kwotazzjonijiet għal cash in Transit u kienet ser tmexxi bl-irħas offerta. Fuq dan kien hemm qbil.

**Transport Malta** – Is-Sindku qal li Transport Malta kienet bagħtet email li kien hemm kien hemm applikazzjoni mingħand Amy's Confectionary għal un/loading. Il-Kunsill qabel li jmur il-contracts manager sabiex jivverifika. Is-Segretarju kienet ser tinforma lil TM b'dan.

Is-Sindku qal li Transport Malta kienu talbu pjanta ħabba l-ispeed bumps ta' Triq il-Kbira San Ġużepp u dan kien għamel pjanta hekk kif kienet qed tiġi preżentata. Is-Sindku qal li hu kien qed jipproponi dik l-aktar viċin tal-kummerċ. Skond il-perit kien ser jintilef parkeġġ

wieħed biss u li is-sindku qal li kien ser jipprova isir minflok il-build out sabiex ma jintilef l-ebda parkeġġ.

Is-Sindku qal ukoll li l-kunsill u Transport Malta kienu rċevew ilment mingħand residenta li għal Triq il-Kanun kienet qed tissuġġerixxi li jsiru speed bumps jew cameras Minn ħdejn Freddy sa niċċa. Pero Transport Malta kienu qed jissuġġerixxu rumble strips mingħajr thermoplastic. Transport Malta kienu qed jgħidu le għal sleeping police għax hi triq distributorja. Għalhekk kienet ser tintbagħat ittra lir-residenti.

**Konsultazzjoni Pubblika** - Is-Sindku qal li kien hemm diversi risposti fuq il-konsultazzjoni pubblika imnedija mill-kunsill fi Triq il-Palazz l-Aħmar u Triq il-Karmelitani. Għalhekk hu beda billi qara risposti tar-residenti fi Triq il-Palazz l-Aħmar. Fl-ittra in-nies intalbu l-kummenti u l-approvazzjoni tagħhom għal parkeġġi riservati f'ċertu ħin għal-vetturi sabiex jinġabru tfal mill-iskola.

Voti favur: 3

Voti kontra: 6

Għalhekk ġie maqbul li ssir laqgħa mas-Surmast u residenti stess sabiex dan jiġi infurmat

Triq il-Karmelitani – fl-ittra li intbagħtet lilhom ir-residenti ġew mistoqsija hekk jaqblux li din it-triq tiġi one way, u hekk iva f'liema direzzjoni.

Voti favur: 1

Voti kontra: 4

Kien hemm suġġeriment li triq tinuża biss minn small vehicles only.

**Tournament tal-boċċi** – Is-Sindku qal li Roberta kienet ser tiltaqa' ma tal-banda fi 13 ta' Jannar 2026 sabiex it-tournament jibda fil-bidu ta' Frar.

**5. Ħruġ ta' Espressjoni ta' Interess għal Għeluq tal-postijiet pubbliċi**

Is-Segretarju spjegat li dan il-kuntratt mal-kuntrattur attwali kien għalaq f'Diċembru. Hi kienet tkellmet miegħu sabiex dan jiġġedded imma dan ma xtaqx jibqa' għaddej bil-kuntratt. Għalhekk dan il-kuntratt iġġedded sa l-aħħar ta' Frar u kien għalhekk li kien hemm il-ħtieġa li tinħareġ din l-espressjoni ta' interess miftuħa għal kulħadd. Il-kunsilliera qablu ma dan.

**6. Ħruġ ta' Kwotazzjonijiet għal servizz ta' Accountant**

Is-Segretarju spjegat li tender għas-servizz tal-accountant kien ser jagħlaq fi Frar u għaldaqstant hi kienet qed tissuġġerixxi li jinġabru kwotazzjonijiet għal dan is-servizz fuq perjodu ta' sena. Il-kunsill qabel ma dan imma xtaq li wara din is-sena jkun hemm tender.

**7. Ħruġ ta' Kwotazzjonijiet għal servizz tal-ħasil tal-uffiċju**

Is-Sindku qal li kien wasal iż-żmien li jerġgħu jinġabu l-kwotazzjonijiet għas-servizz tal-ħasil tal-uffiċju. Dan anke għaliex il-ħasil ma kienx qed jilħaq il-miri meħtieġa.

**8. Intervisti post vakanti skala 12**

Is-Segretarju spjegat li l-ewwel fażi tal-proċess tal-intervisti kien ġie fi tmiemu u l-bord tal-evalwazzjoni kien qed jirrakkomanda lil Liam Hudson sabiex din il-vakanza timtela'. Is-Segretarju preżentat lil-kunsill id-dokumenti kollha neċessarji u l-kunsill qabel unanimanent mad-deċiżjoni tal-kunsill.

**9. Intervisti post vakanti skala 16**

Is-Segretarju spjegat li minn l-aħħar fażi tal-proċess kien hemm 3 applikanti li tnejn minnhom attendew għal intervista. Il-bord tal-evalwazzjoni kien qed jirrakkomanda lil Max Schembri, sabiex din il-vakanza timtela'. Is-Segretarju preżentat lil-kunsill id-dokumenti

kollha neċessarji quddiem il-kunsill. Il-kunsill saqsa ala l-bord kien wasal għal din id-deċiżjoni u s-segretarju kienet infurmat li l-ewwel kandidat kien irrisponda dak kollu li talab il-bord u kien qabel mal-kriterji mitluba, il-kandidat l-ieħor iddikjara li ma jafx juża whatsapp li kienet rekwiżit bażiku u l-bord kien ikkummenta dwar l-attitudni tiegħu . Il-kunsill ħa vot fuq din ir-rakkomandazzjoni tal-bord

Vot Favur: 1

Vot Kontra: 1

Astensjonijiet: 4

Għalhekk is-sindku uża l-casting vote tiegħu li kien favur ir-rakomandazzjoni tal-bord.

**10. Mozzjoni mis-Sindku - Ġnien Romeo Romano**

Is-Sindku ppreżenta mozzjoni fuq id-devoluzzjoni tal-ġnien Romeo Romano, il-viċi sindku issekonda din il-mozzjoni. Is-Sindku qara din il-mozzjoni u poġġiha għad-diskussjoni. Il-minority leader Karl Carabott, qal li xtaq jippreżenta kontro mozzjoni. Karl Carabott qarha ukoll din il-kontro mozzjoni. Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera li ssir id-devoluzzjoni tal-ġnien però, qabel isir dan kien hemm bżonn il-parir tal-esperti bħal Heritage Malta, Supretendenza kulturali u oħrajn fuq l-istat tal-ġnien u x'kien hemm bżonn biex il-kunsill iżomm dan il-ġnien. Għalhekk kien hemm qbil li din il-mozzjoni terġa' titella' fil-laqgħa li jmiss.

**11. Mozzjoni mis-Sindku – Triq il-Kappillan Mifsud**

Is-Sindku preżenta mozzjoni sabiex id-dawl dekorattiv ippjanat għal Triq il-Kbir San Gużepp jinbidlu għal Triq il-Kappillan Mifsud u oħrajn, hekk kif issa ser tinqala' Triq il-Kappillan Mifsud isiru hemm flimkien ma Dog Pouch ta' madwar 80metru kwadru. Għaldaqstant il-kunsill kien qed japprova li dawl dekorattiv ippjanat li jsir fi Triq il-Kbira San Guzepp għal Triq il-Kappillan Mifsud li għalih kienet ser tintuża skema li l-kunsill kien applika għaliha.

## 12. Talba għal estensjoni tal-bankina Triq il-Kbira San Guzepp

Is-Sindku qal li l-kunsill rċieva email mingħand il-perit ta' proġett tar-restawr tal-faċċata ta' Casa Leoni sabiex issir pletform fil-parking eżistenti sakemm jitneħħa l-iscaffolding li sar. Dan peress li kemm il-Kunsill Lokali kif ukoll il-ministeru f'Casa Leoni qed jirċievu ilmenti mingħand in-nies peress li ma jkunux jistgħu jgħaddu minħabba s-siġra. Il-kunsill ġibed l-attenzjoni li suppost l-iscaffodling kellu passaġġ minn fejn jistgħu jgħaddu n-nies minn taħtu u għaldaqstant ma' kienx qed jabel mal-estezjoni tal-bankina.

## 13. Tmiem tal-laqgħa u laqgħa li jmiss

Il-laqgħa ġiet fi tmiema għal ħabta tat-20.30 ta' filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss kienet ser issir fi 9 ta' Frar fil-17.00

________________________ ________________________

| | |
|---|---|
| Gianluca Falzon | Tiffany Abela |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |